



Brussell, 14 ta' April 2026
(OR. en)

7676/26

LIMITE

CORLX 305
CFSP/PESC 437
COEST 238
FIN 464

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/891 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...

ta' ...

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/891

dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-28 ta' April 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/891¹.
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għar-Repubblika tal-Moldova u r-reżiljenza, is-sigurtà, l-istabbiltà, l-ekonomija u l-provvista tal-enerġija tagħha fid-dawl ta' attivitajiet destabilizzanti minn atturi esterni.
- (3) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/891 u fid-dawl tat-theddida kontinwa għad-demokrazija u l-istat tad-dritt, kif ukoll għall-istabbiltà u s-sigurtà tar-Repubblika tal-Moldova, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi fis-seħħ jiġġeddu sad-29 ta' April 2027.
- (4) Abbażi tal-informazzjoni aġġornata, jenħtieġ li jiġu emendati l-entrati għal seba' persuni inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/891.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2023/891 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/891 tat-28 ta' April 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova (ĠU L 114, 2.5.2023, p. 15, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/891/oj>).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/891 hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 8, l-ewwel paragrafu, id-data "29 ta' April 2026" hija sostitwita bid-data "29 ta' April 2027";
- (2) l-Anness huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

Fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/891, taħt l-intestatura “A. Persuni fiżiċi”, l-entrati 1, 5, 8, 10, 12, 15 u 21 huma sostitwiti bl-entrati korrispondenti li ġejjin:

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
“1.	Ilan Mironovich SHOR magħruf ukoll bħala Ilan Mironovici ŞOR	Funzjoni: negozjant, president tal-partit politiku “SHOR” (“ŞOR”) Data tat-twelid: 6.3.1987 Post tat-twelid: Tel Aviv, Israel Sess: raġel Nazjonalità: Ir- Repubblika tal-Moldova, Iżraeljana Numru ta’ Identifikazzjoni tal-Istat (IDNP): 0971007884125 (Ir-Repubblika tal- Moldova)	Ilan Shor huwa politiku Moldovan (Kap tal-partit politiku ŞOR) u negozjant mir-Repubblika tal-Moldova li huwa involut fil-finanzjament illegali tal-partiti politiċi fir-Repubblika tal-Moldova u fl-inċitament għall-vjolenza kontra l-oppożizzjoni politika. Qabel ma l-Partit ŞOR, immexxi minn Ilan Shor, ġie ddikjarat bħala wieħed mhux kostituzzjonali f’Ġunju 2023, Shor kien involut fil-ħlas u t-taħriġ ta’ persuni biex jipprovokaw diżordni u inkwiet waqt il-protesti fir-Repubblika tal-Moldova. Permezz ta’ deċiżjoni datata t-13 ta’ April 2023, il-Qorti tal-Appell ta’ Chisinau kkundannat lil Ilan Shor ħati ta’ frodi u ħasil tal-flus fil-każ ta’ “Frodi Bankarja” għal 15-il sena ħabs u l-konfiska ta’ assi għal valur ta’ EUR 254 miljun. Fondi minn din il-frodi bankarja fuq skala kbira u l-konnessjonijiet ma’ oligarki korrotti u entitajiet ibbażati f’Moska kienu u għadhom qegħdin jintużaw, skont l-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Moldova, biex joħolqu b’mod artifiċjali inkwiet politiku fil-pajjiż.	30.5.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			<p>L-azzjonijiet tiegħu diretti lejn l-imminar tad-demokrazija tar-Repubblika tal-Moldova jinkludu l-għoti ta' finanzjament illegali biex tiġi appoġġata l-attività politika favur il-Kremlin fir-Repubblika tal-Moldova. Eżempju tal-użu ta' tali fondi huwa l-organizzazzjoni ta' protesti u manifestazzjonijiet vjolenti, primarjament fil-belt kapitali Chisinau, bl-għajnuna ta' dimostranti mħallsa mill-Partit ȘOR, matul l-2022 u l-2023. Wara li l-Partit ȘOR ġie ddikjarat mhux kostituzzjonali, Ilan Shor kompli jiffaċilita l-influwenza Russa fix-xena politika tar-Repubblika tal-Moldova billi ffinanzja illegalment partiti oħra u pprova jxaħħam lill-politiċi. Permezz tal-finanzjament tax-xiri tal-voti u l-kampanji ta' diżinformazzjoni, huwa interferixxa wkoll fl-elezzjonijiet presidenzjali, r-referendum kostituzzjonali tal-2024 dwar l-adeżjoni mal-Unjoni u l-elezzjonijiet parlamentari tal-2025 fir-Repubblika tal-Moldova.</p> <p>Permezz tal-assoċjazzjoni mhux governattiva bbażata fir-Russja Evrazia u l-Blokk Politiku Victory/Pobeda, Ilan Shor jippromwovi narrattivi ta' propaganda Russi u jikkoordina attivitajiet ta' finanzjament bl-għan li jinfluwenzaw is-sitwazzjoni politika fir-Repubblika tal-Moldova.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Billi dderieġa u ppjana dimostrarazzjonijiet vjolenti u permezz tal-imġiba finanzjarja ħażina serja tiegħu b'rabta ma' fondi pubbliċi u l-esportazzjoni mhux awtorizzata ta' kapital, u billi pprova jwaqqa' l-ordni kostituzzjonali, Ilan Shor huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu s-sovranità u l-indipendenza tar-Repubblika tal-Moldova, u d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà u s-sigurtà fir-Repubblika tal-Moldova. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' Evrazia.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
5.	<p>Vladimir Gheorghe PLAHOTNIUC</p> <p>magħruf ukoll bħala Vladimir ULINICI</p> <p>magħruf ukoll bħala Vladimir PLAKHOTNYUK</p> <p>magħruf ukoll bħala Vladislav Vladimir NOVAK</p> <p>magħruf ukoll bħala Mihail TAUŞANOV / Mikhail TAUSHANOV (Владимир (Влад) Георгиевич ПЛАХОТНЮК)</p>	<p>Funzjoni: negozjant, politiku</p> <p>Data tat-twelid: 1.1.1966 jew 25.12.1965</p> <p>Post tat-twelid: Pituşca, Călăraşi, eks USSR (issa Republic of Moldova)</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Nazzjonalità: Ir- Repubblika tal-Moldova, Rumena, Russa</p> <p>Numru ta' Identifikazzjoni tal-Istat (IDNP): 0962706018030 (Ir-Repubblika tal- Moldova)</p> <p>Nru tal-Passaport: AB 0671328; AA 1203658 (Ir-Repubblika tal- Moldova)</p>	<p>Vladimir Plahotniuc huwa soġġett għal diversi proċedimenti kriminali fir-Repubblika tal-Moldova relatati ma' reati b'rabta mal-appropriazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tar-Repubblika tal-Moldova u t-trasferiment illegali tagħhom barra mir-Repubblika tal-Moldova. Huwa ġie akkużat fir-Repubblika tal-Moldova fil-kawża "Bank Fraud", li l-effetti ekonomiċi tagħha għadhom qed jaffettwaw il-pajjiż. Qed jiġi investigat ukoll talli xaħħam lill-eks President tal-Moldova b'ammont ta' flus kontanti bi skambju għal favuri politiċi. Barra minn hekk, kellu laqgħat mal-Kremlin biex jikseb appoġġ għall-indhul tiegħu fl-elezzjonijiet parlamentari tal-2025 fir-Repubblika tal-Moldova.</p> <p>Permezz tal-imġiba finanzjarja ħażina serja tiegħu b'rabta ma' fondi pubbliċi u l-esportazzjoni mhux awtorizzata ta' kapital u billi jdgħajjef il-proċess politiku demokratiku fir-Repubblika tal-Moldova, Vladimir Plahotniuc huwa responsabbli għall-azzjonijiet u l-implimentazzjoni ta' politiki li jdgħajfu u jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fir-Repubblika tal-Moldova.</p>	30.5.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
8.	Arina Evgheni CORȘICOVA	Data tat-twelid: 28.12.1974 Sess: mara Nazjonalità: Ir- Repubblika tal-Moldova Numru ta' Identifikazzjoni tal-Istat (IDNP): 0962011898118	<p>Arina Corșicova mexxiet diversi trusts tal-media tal-komunikazzjoni fir-Repubblika tal-Moldova, li waħda minnhom għandha s-sjieda ta' żewġ stazzjonijiet televiżivi, "Accent TV" u "Primul în Moldova", li l-liċenzji għax-xandir tagħhom ġew sospiżi mir-Repubblika tal-Moldova minħabba li xerrdu informazzjoni mhux korretta dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u avvenimenti politiċi attwali fir-Repubblika tal-Moldova. Minkejja li tilef il-liċenzja tax-xandir tat-televiżjoni tiegħu, "Primul în Moldova" jkompli jxerred dikjarazzjonijiet foloz immirati lejn id-destabbilizzazzjoni tal-ordni kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Moldova.</p> <p>F'dan il-kuntest, Arina Corșicova hi responsabbli għad-dgħajfien tal-proċess politiku demokratiku fir-Repubblika tal-Moldova billi tmexxi kampanja ta' diżinformazzjoni u peress li hija appoġġata politikament mill-persuna elenkata Ilan Shor.</p>	22.2.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Barra minn hekk, ilha assoċjata ma' Ilan Shor għal żmien twil, peress li fil-passat iffinanzjat il-kampanji elettorali tiegħu u peress li hija azzjonista indiretta tal-“Banca Socială”, li hija involuta fil-każ “Frodi Bankarja”.</p> <p>Billi ddgħajjed il-proċess politiku demokratiku u tiddestabbillizza l-ordni konstituzzjonali, Arina Corșicova hija responsabbli għal, u qed tappoġġa, azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-istabbiltà fir-Repubblika tal-Moldova. Barra minn hekk, hija assoċjata ma' Ilan Shor.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
10.	Maria ALBOT	<p>Konsulent tar-relazzjonijiet esterni ta' Bashkan ta' Gagauzia</p> <p>Amministratur tal-Fondazzjoni "Miron Shor"</p> <p>Azzjonista ta' "Banca Socială"</p> <p>Data tat-twelid: 21.1.1986</p> <p>Sess: mara</p> <p>Nazzjonalità: Ir-Repubblika tal-Moldova</p> <p>Numru ta' Identifikazzjoni tal-Istat (IDNP): 2000088038487</p>	<p>Maria Albot ilha assoċjata fdata għal żmien twil tal-persuna elenkata Ilan Shor. Għandha rwol ewlieni f'waħda mill-fondazzjonijiet tiegħu, il-Fondazzjoni "Miron Shor", u hija involuta fil-każ "Bank Fraud" li affettwa l-istabbiltà finanzjarja tar-Repubblika tal-Moldova.</p> <p>Preċedentement, hija kellha pożizzjonijiet f'kumpaniji jew f'fondazzjonijiet oħra li kienu proprjetà ta' Ilan Shor jew li kienu assoċjati miegħu. Attwalment, hija involuta f'operazzjonijiet immexxija minn Ilan Shor biex tiffinanzja propaganda, mobilizzazzjoni u protesti kkordinati mmirati lejn id-destabilizzazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova.</p> <p>Għaldaqstant, hija assoċjata ma' Ilan Shor.</p>	22.2.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
12.	Evghenia GUȚUL	<p>Funzjoni: eks Gvernatur tal-Unità Territorjali Awtonoma ta' Gagauzia</p> <p>Data tat-twelid: 5.9.1986</p> <p>Post tat-twelid: Etulia, Vulcănești, SSR Moldova (issa Republic of Moldova)</p> <p>Sess: mara</p> <p>Nazzjonalità: Ir-Repubblika tal-Moldova</p>	<p>Evghenia Guțul hija l-eks Gvernatur (Bashkan) tal-Unità Territorjali Awtonoma (ATU) ta' Gagauzia fir-Repubblika tal-Moldova. Qabel kienet taħdem għall-partit politiku "SHOR" ("ȘOR") ta' Ilan Shor, li issa huwa pprojbit, u kienet involuta fil-finanzjament illegali tiegħu. Hija pproponiet diversi assoċjati ta' Shor biex jimlew pożizzjonijiet fil-Kumitat Eżekuttiv ta' Gagauzia, minkejja l-fatt li dawk l-individwi ma għandhomx rabtiet ma' Gagauzia.</p> <p>Minkejja li ma kellhiex il-kompetenza kostituzzjonali biex tagħmel dan, bħala Gvernatur involviet ruħha fi żjara formali fil-Federazzjoni Russa u ltaqgħet mal-President Russu Vladimir Putin. Hija talbet lil Putin għal assigurazzjoni tal-appoġġ tar-Russja għad-drittijiet, l-awtorità u l-pożizzjonijiet ta' Gagauzia u rċevithom.</p>	14.10.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Mid-detenzjoni tagħha f' Marzu 2025 'il hawn, id-deputat tagħha, Ilia Uzun hija l-aġent Bashkan tal-ATU ta' Gagauzia, u ddikjarat pubblikament li l-kwistjonijiet kollha relatati mal-funzjonament tal-Kumitat Eżekuttiv kienu qed jiġu kkoordinati ma' Evghenia Guțul permezz tal-avukati tagħha, minkejja l-fatt li d-dritt tar-Repubblika tal-Moldova ma jipprevedix proċeduri li jippermettu li kwistjonijiet jiġu kkoordinati ma' eks Bashkan ladarba ma tkunx għadha qed twettaq dmirijietha.</p> <p>Bil-promozzjoni tas-separatiżmu fl-ATU ta' Gagauzia u r-rabtiet mill-qrib mal-Federazzjoni Russa, Evghenia Guțul qed tipprowa twaqqa' l-ordni kostituzzjonali, u b'hekk qed thedded is-sovranià u l-indipendenza tar-Repubblika tal-Moldova, u d-demokrazija, l-istabbiltà u s-sigurtà fir-Repubblika tal-Moldova.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
15.	Ilia UZUN	<p>Funzjoni: Viċi President tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Unità Territorjali Awtonoma ta' Gagauzia, membru tal-Assemblea tal-Poplu ta' Gagauzia</p> <p>Data tat-twelid: 16.5.1967</p> <p>Post tat-twelid: Chioselia Rusă, Comrat, SSR Moldova (issa Republic of Moldova)</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Nazzjonalità: Ir-Repubblika tal-Moldova</p> <p>Numru ta' Identifikazzjoni tal-Istat (IDNP): 0961607975268</p>	<p>Ilia Uzun huwa membru tal-Assemblea tal-Poplu ta' Gagauzia u Viċi President tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Unità Territorjali Awtonoma (ATU) ta' Gagauzia. Huwa ltaqa' ma' Ilan Shor f'İzrael biex jiddiskuti l-implimentazzjoni fil-Gagauzia tal-pjanijiet elettorali tal-Gvernatur (Bashkan) Evghenia Guṭul. Mid-detenzjoni ta' Evghenia Guṭul f'Marzu 2025 'il hawn, Ilia Uzun hija l-aġent Bashkan tal-ATU ta' Gagauzia, u ddikjarat pubblikament li l-kwistjonijiet kollha relatati mal-funzjonament tal-Kumitat Eżekuttiv kienu qed jiġu kkoordinati ma' Evghenia Guṭul permezz tal-avukati tagħha, minkejja l-fatt li l-dritt tar-Repubblika tal-Moldova ma jipprevedix proċeduri li jippermettu li kwistjonijiet jiġu kkoordinati ma' eks Bashkan ladarba ma tkunx għadha qed twettaq dmirijietha.</p> <p>Ilia Uzun huwa involut fit-tixrid tal-propaganda Russa, immedija mit-tim ta' Ilan Shor. Huwa ppjana, attenda u mexxa dimostrazzjonijiet kontra l-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Moldova organizzati minn Ilan Shor jew is-soċji tiegħu. Huwa appoġġa pubblikament lil Ilan Shor jew l-azzjonijiet tiegħu. Għaldaqstant huwa assoċjat ma' Ilan Shor u Evghenia Guṭul.</p>	14.10.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
21.	Alexei LUNGU	<p>Funzjoni: Ġurnalist, President tal-Partit Politiku “Şansă” (Chance)</p> <p>Data tat-twelid: 19.11.1983</p> <p>Post tat-twelid: Ir-Repubblika tal-Moldova</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Nazzjonalità: Ir-Repubblika tal-Moldova</p>	<p>Alexei Lungu huwa l-mexxej tal-partit politiku “Şansă”, li huwa wieħed mis-suċċessuri tal-partit politiku illegali ŞOR, immexxi mill-persuna elenkata Ilan Shor. F’April 2024, Ilan Shor nieda f’Moska l-blokk politiku Victory/Pobeda, li jgħaqqad is-suċċessuri tal-partit tiegħu, inkluż Şansă.</p> <p>Bħala l-mexxej ta’ Şansă, Alexei Lungu jirrappreżenta lill-partit u jikkoordina l-attivitajiet tiegħu. Għalhekk huwa assoċjat mal-Blokk Politiku Victory/Pobeda. Huwa assoċjat ukoll ma’ Ilan Shor.</p>	15.7.2025.”